

## Sistemi tal-istatistika kkoordinati tajjeb huma prerekwiżit għall-kwalità għolja ta' Statistika Ewropea

Fil-ħames rapport annwali tiegħu, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) jitlob rwol ta' koordinazzjoni aktar b'saħħtu għall-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (INS) sabiex tkun żgurata l-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea mill-produtturi kollha tal-istatistika Ewropea fil-livell nazzjonali. Bħala prattika ta' governanza tajba, l-ESGAB jissuġġerixxi skambji regolari ta' opinjonijiet bejn l-INS u l-parlamenti nazzjonali. Fi kliem il-President tal-ESGAB, Thomas Wieser: "Governanza tajba tagħti dejta tajba u dejta tajba toħloq politiki tajbin."

Fir-rapport tiegħu, l-ESGAB jeżamina l-livell ta' konformità mal-Kodiċi ta' Prattika minn produtturi oħra ta' Statistika Ewropea li jibagħtu d-dejta direttament lill-Eurostat, għad-disseminazzjoni ta' statistika komparabbli bejn il-pajjiżi u r-reġjuni. Meta mqabbel mal-kwalità tajba tad-dejta li tintbagħat b'mod ġenerali, l-ammont ta' korrezzjoni ta' dejta meħtieġa qabel id-disseminazzjoni tal-istatistika minn dawn il-produtturi l-oħra huwa relattivament għoli. Għalhekk l-ESGAB qed jitlob mandat għall-INS biex jikkordinaw aktar bil-qawwi lil produtturi oħra ta' statistika Ewropea. Dan għandu jinkludi rwol ċar għall-INS biex kwistjonijiet dwar il-kwalità u l-metodoloġija jiġu indirizzati mas-sidien tad-dejta amministrattiva. L-ESGAB jappoġġja wkoll is-sehem ikbar tal-INS fil-proċess li jingaġġa l-ogħla manijers tal-produtturi nazzjonali l-oħra tal-istatistika Ewropea u jħeġġeġ l-aġġornament tal-Kodiċi bi prinċipju u indikaturi dwar il-koordinazzjoni ta' produtturi nazzjonali oħra tal-istatistika Ewropea.

L-ESGAB jissuġġerixxi li l-ħtiġijiet tar-riżorsi tal-INS ikunu magħrufa pubblikament u jintgħarfu b'mod ċar fil-proposti ta' finanzjament tal-gvernijiet. Barra minn hekk, l-INS jew il-korpi li jkunu qed jimmonitorjaw il-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika fi ħdan is-sistemi nazzjonali tal-istatistika jkunu jistgħu jirrapportaw dwar l-attivitajiet ta' statistika kull sena lill-parlamenti nazzjonali.

Bil-għan li tittejjeb l-effettività tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), l-ESGAB jitlob li jkun hemm modernizzazzjoni urġenti tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, eż. billi b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-uffiċċji tal-protezzjoni tad-dejta, ikompli jiġi żviluppat l-użu ta' dejta amministrattiva. Sabiex jitgawdex il-benefiċċji minn ekonomiji ta' skala usa' f'sistema tal-produzzjoni aktar integrata, għandu jiġi stabbilit fehim komuni dwar drittijiet u obbligi għall-aċċess u l-qsim ta' mikrodejta fost il-produtturi tal-istatistika Ewropea fl-ESS mill-aktar fis possibbli.

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

it-18 ta' Novembru 2013

Il-ħames rapport tal-ESGAB lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jinkludi sommarju eżekuttiv qasir ta' tliet paġni b'rakkomandazzjonijiet, filwaqt li l-osservazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jinsabu fir-rapport ewlieni. Ir-rapport tal-2013 huwa fil-biċċa l-kbira ddedikat għall-interdipendenza bejn il-koordinazzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet jisħqu fuq il-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika għall-indipendenza u l-effettività professjonali tas-sistema tal-istatistika u r-rapport jindirizza ċ-ċiklu l-ġdid ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari.

### Aktar tagħrif

Ir-rapport tal-2013 tal-ESGAB b'sommarju eżekuttiv qasir jinsab fil-paġna tal-ESGAB (<http://ec.europa.eu/esgab/>).

### Kuntatt għall-assistenza lill-midja

Biex tagħmel appuntament għal intervista mal-President tal-ESGAB, is-Sur Thomas Wieser, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-segretarjat tal-ESGAB: Heli Lehtimäki ([estat-esgab@ec.europa.eu](mailto:estat-esgab@ec.europa.eu)), tel. +352 4301-36484.

### Dwar l-ESGAB

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) twaqqaf fl-2008 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Il-ħidma tal-ESGAB għandha l-għan li ttejjeb l-indipendenza professjonali, l-integrità u r-responsabbiltà tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, li huma elementi ewlenin fil-kodiċi ta' prattika, kif ukoll li ttejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

L-ESGAB fih seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tnejn ta' rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' prattika safejn dan ikollu x'jaqsam mal-Kummissjoni (il-Eurostat) u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika b'mod ġenerali. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar miżuri xierqa biex jeħfief il-proċess.

### Kunċetti ewlenin

**Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea** hu bbażat fuq 15-il prinċipju. L-awtoritajiet tal-governanza u tal-istatistika fl-Unjoni Ewropea jikkommettu ruħhom li jżommu mal-prinċipji tal-kodiċi li jkopru l-ambjent istituzzjonali, il-proċessi u l-produzzjoni tal-istatistika. Għal kull prinċipju hemm sett ta' indikaturi ta' prattika tajba li joffru referenza għar-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kodiċi.

Il-Kodiċi ta' Prattika:

[http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY\\_OFFPUB/10425-MT/MT/10425-MT-MT.PDF](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/10425-MT/MT/10425-MT-MT.PDF)

**Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS):** is-sħubija bejn l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni, li hi l-Kummissjoni (il-Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea (ara [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/ess\\_eurostat/introduction](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/ess_eurostat/introduction)).